# IL-ĠMIEL

*X'inhuwa l-ġmiel? Wara li ħafna ħsibt,*
*Naf illi fl-aħħar it-tweġiba sibt.*

*Il-ġmiel hu in-normal, il-ġmiel hu s-saħħa;*
*Il-ġmiel hu l-qawwa u kull wiria tagħha;*

*Meta l-maħluq iħoss il-ħajja fih*
*Jidher u jkun, f'għajnejn in-nies, sabiħ.*

*Sa hawn il-ħsieb. Iżda kif lilek rajt*
*B'għajnejja 'l moħħi tifsir ġdid jien tajt.*

*Il-ġmiel hu int, il-ġmiel huwa għajnejk,*
*Il-ġmiel huwa il-lwien ta' fuq ħaddejk;*

*Il-ġmiel hu rasek ċkejkna, id-daħka tiegħek,*
*Il-ġmiel dak kollu illi jaqsam miegħek.*

*Sabiħa l-art li fuqha int irfist,*
*Il-ward sabiħ għax lejh inti ħarist.*

E. Agius.